# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 5.8

**Kap 5: Ġesù Jitwieled Bħalna**

**Lezzjoni 5.8: Il-Milied f'pajjiżi oħra**

**L-Għanijiet:**

It-tfal se:

1. Jitgħallmu kif jiġi ċċelebrat il-Milied f'pajjiżi qrib u oħrajn.
2. Jiġu konxji tal-fatt li għalkemm il-Milied jiġi ċċelebrat b'mod differenti, ir-raġuni trid tkun l-istess – it-twelid ta' Ġesù Bambin.



**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- Preżentazzjoni dwar il-Milied f'pajjiżi oħra;
- Il-Bibbja;
- vidjow tad-diska Feliz Navidad



**Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu**

- Ibda l-lezzjoni billi tistaqsi lit-tfal kif huma u l-familji tagħhom jiċċelebraw il-Milied.
- Staqsihom:
    - Taħsbu li pajjiżi oħra jiċċelebrawh bħalna?
    - X'jagħmlu differenti?
    - It-temp jaffettwa?
    - Kullimkien ksieħ ikun?
- Oħloq diskussjoni dwar dan.



**Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)**

- Uri lit-tfal il-preżentazzjoni dwar iċ-ċelebrazzjonijiet tal-Milied f'pajjiżi oħra madwar id-dinja. Bejn pajjiż u ieħor ieqaf biex tiddiskuti mat-tfal id-differenzi u s-similaritajiet maċ-ċelebrazzjonijiet li jsiru f'Malta.
- Spjega fid-dettal dwar San Nikola u minn fejn ġiet id-drawwa ta' Santa Klaws u t-tqassim tar-rigali.
- Oħloq diskussjoni dwar kif it-temp jaffettwa l-mod ta' kif jiġi ċċelebrat il-Milied.

- Staqsi lit-tfal x'għoġobhom l-aktar minn din il-preżentazzjoni, liema tradizzjoni għoġbithom l-aktar eċċ.
- Fl-aħħar staqsi lit-tfal:
    - X'inhu l-importanti kif niċċelebraw il-Milied jew ir-raġuni l-għaliex qegħdin niċċelebraw?
    - Innotajtu xi ħaġa nieqsa minn din il-preżentazzjoni?
- Oħroġ il-fatt li barra minn Malta ħafna miċ-ċelebrazzjonijiet ma' jinkludux lil Ġesù.



**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**

1. F'pajjiżi oħra madwar id-dinja l-Milied jiġi ċċelebrat b'modi differenti.
2. Il-Milied jista' jiġi ċċelebrat b'mod differenti pero' l-iskop irid jibqa l-istess: it-twelid ta' Ġesù Bambin.
3. Fiċ-ċelebrazzjonijiet tagħna rridu ninkludu lil Ġesù.



**Nagħżlu flimkien (L-attitudni)**

It-tfal jagħrfu kemm hu sabiħ li huma u oħrajn madwar id-dinja qegħdin jiċċelebraw b'modi differenti f'dan iż-żmien tal-Milied. L-iskop taċ-ċelebrazzjonijiet hu l-istess: il-ferħ tat-twelid ta' Ġesù Bambin.



**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc**

Ikkonkludi l-lezzjoni bil-vidjow tal-kanzunetta [Feliz Navidad](). Ħeġġeġ lit-tfal biex ikantaw ħalli jawguraw lit-tfal kollha madwar id-dinja Milied hieni.



**Nitolbu**

O Ġesù, agħmel li t-tfal kollha ta' madwar id-dinja jgawdu ċ-ċelebrazzjonijiet ta' żmien il-Milied waqt li jfakkru t-twelid tiegħek.

